# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

PAPA INNOCENT VII (1404 -1406)




Meta miet Bonifacju IX gewwa Ruma kien hemm prezenti xi delegati minn Avignon li kienu jirraprezentaw lil Benedittu XIII li kien ghadu jippretendi li hu l-mexxejj tal-knisja kattolika. Il-kardinali staqsew lil dawn id-delegati jekk dan il-pretenditur kienx ser jabdika. Izda meta rcevew risposta negattiva l-kardinali prezenti gewwa Ruma pprocedew bl-elezzjoni. Kull

kardinal ha gurament li jekk ikun hu maghzul kellu jaghmel hiltu kollha biex itemm din ix-xizma fil-knisja ta' Kristu fejn kien jezisti aktar minn Papa wiehed. Il-bniedem li ghazlu kien l-gharef u twajjeb Cosimo de Migliorati li ha l-isem ta' Innocent VII.

Cosimo de' Migliorati twieled gewwa Sulmona gewwa Abbruzzo. Ghalkemm kien gej minn familja ta' klassi baxxa tharreg sewwa fit-taghlim gewwa Perugia, Padova u Bologna. Wara li ghallem il-ligi gewwa Perugja u Padova, Cosimo mar Ruma fejn dahal jaghmel parti mis-servizz tal-papa taht Urbanu VI.



Huwa qeda' d-dmirijiet ta' kollettur tat-taxxi gewwa l-Ingilterra ghal 10 snin. Gie mahtur isqof ta' Bolonja fis-sena 1386 u arcisqof ta' Ravenna sena wara u kardinal fis-sena 1400. Bonifacju IX kellu hafna ghajnuna minnu meta kien marid bil-gebla.

Mill-ewwel beda' l-process biex itemm ix-xizma. Sejjah laqgha biex jara kif iwitti t-triq ghat-tmiem tax-xizma, imma qabel biss ma seta' jiltaqa' flimkien mal-kardinali tieghu, Ruma qamet f'ribelljoni li giet ikkontrollata bis-sahha ta' Ladislaw, re ta' Napli. U biex jaghmel hekk Ladislaw talab prezz gholi hafna. Insista mal-Papa li ma kellu jaghmel ebda ftehim li jippregudikalu d-drittijiet tieghu bhala re ta' Napli.

Biex tikkomplika l-problema, l-Francizi tefghu ghajnejhom fuq Napli. Ladislaws heggeg fazzjoni rumana biex tirribella u dan kien kagun li l-Papa harab lejn Viterbo. Izda l-poplu ruman rega' laqa' mill-gdid lil Papa gewwa Ruma u dan il-hela ta' zmiem ftit hallielu cans biex iholl ix-xizma.

Minkejja li l-Pontifikat tieghu kien mimli problemi sab zmien biex jaghti hajja lil Universita ta' Ruma. Huwa wkoll hadem biex jirriforma l-kurja rumana, imma ma tantx kellu zmien u anqas paci biex iwettaq il-pjanijiet li kellu f'mohhu ghaliex fis-6 ta' Novembru 1406 huwa miet.

Kien ragel ta' tjubija pero' kien imkaxkar mid-difett tan-nepotizmu. Li ma gabx fix-xejn din ix-xizma ma kienx tort tieghu ghax hu kellu rieda tajba izda c-cirkustanzi mqallba ma hallewx.